# Id-Devoz zjoni lejn l-Immakulata fil-Knisja ta' Santa Marija Tal-Blat fil-Qala



*Minn MARIO FENECH*

Meta l-Isqof Vincenzo Labini kien qiegħed jagħmel il-Vista Pastorali tiegħu fir-raħal tan-Nadur u fil-limiti tiegħu nhar it-13 ta' Mejju, 1891, huwa sab li kien hemm numru ta' knejjes żgħar mifruxin fil-kampanja.



Dakinhar huwa żar is-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Qala fejn sab li dan kien miżmum tajjeb ħafna mill-Prokuraturi tiegħu kif ukoll min-nies li spiss kienu jżuruh.

Jidher li dan is-Santwarju kellu xi dħul tajjeb, għaliex l-Isqof ordna lill-Prokuraturi biex dawn jirrappurtaw kull dħul li jkun hemm lill-Prokuratur tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur.

Minħabba l-fatt li l-Isqof Labini ma kellux ħin biżżejjed biex iżur il-Kappelli kollha, huwa ddelega lill-Kappillan tal-Parroċċa tan-Nadur Dun Franġisk Sapiano, biex iżurhom hu u wara jirrapporta lilu b'dak li jkun sab.

Għal dan il-għan il-Kappillan kien niżel Hondoq Ir-Rummien nhar il-21 ta' Mejju, 1781 fejn kien hemm knisja ċkejkna ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni. Din kienet għadha kemm ġiet mibnija sena qabel u kienu jsejħulha bħala ta' "Santa Marija tal-Blat." Jingħad li kien ħa ħsieb il-bini tagħha ċertu Ġanni Vella li kien min-Nadur.

Fir-rapport tiegħu l-Kappillan Sapiano jgħid li fil-knisja kien hemm ventartal tal-injam li fuqu kien hemm ix-xbihat tal-Immakulata u ta' Sant'Andrija. Dan il-qaddis huwa l-protettur tas-sajjieda, għaldaqstant jista' jkun li kienu l-istess sajjieda tal-inħawi li xtaqu li jkun hemm ix-xbieha tiegħu f'din il-knisja. Dan il-ventartal wara li kien ġie rrestawrat, illum jinsab fil-Knisja Arċipretali tal-Qala fil-Kappella ddedikata lil Santa Marija tal-Qala..

Jgħid ukoll li dakinhar il-knisja kienet għadha mingħajr Kwadru Titulari u biex tpatti għal dan kien hemm statwa tal-ġebel tal-Immakulata quddiem il-knisja. Huwa ordna lill-Prokuratur tal-knisja biex jagħmel il-Kwadru u jneħħi l-istatwa mill-knisja.

L-Isqof Labini kien żar ir-raħal tal-Qala sentejn wara. Id-data kienet l-10 ta' Mejju, 1783. Dakinhar il-Kwadru Titulari kien f'postu għaliex kien sar wieħed ġdid mill-Artist Malti Rokku Buhagiar 1723-1805.

L-istatwa tal-ġebel kienet għadha quddiem il-knisja. L-Isqof ordna li din għandha titpoġġa fuq il-bejt in-naħa tal-faċċata tal-knisja li tħares fuq il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien.

Wieħed mill-Amministraturi ta' din il-knisja kien ċertu Michele Bartolo u dam fil-kariga sal-31 ta' April, 1821. Dan kien jagħmel il-festa bil-Primi Vespri u Quddiesa Kantata. Kienu jiġu sparati wkoll il-maskli.

Kemm dam jieħu ħsieb il-knisja bejn is-sena 1801 u s-sena 1809 huwa ħa ħsieb ikabbar il-knisja



**Suffraġju għall-Erwieħ għeżież ta' Nazzarenu, Grezzja u Rose Grima u l-mejtin tal-familja**



bl-ispiża tkun dik ta' 342 skud, 10 rbgħajja u 10 grani. Ħa ħsieb ukoll jibni niċċa fuq il-bieb biex fiha tpoġġiet l-Istatwa tal-ġebel tal-Immakulata.

L-Artal waħdieni ta' din il-knisja huwa tal-ġebel u qabel kien fis-Santwarju tal-Immakulata tal-Qala stess u kien inġieb meta sar l-Artal tal-Irħam.

Il-fatt li fit-tarf tar-raħal tal-Qala kien hemm żewġ knejjes iddedikati lill-Immakulata juri kemm missirijietna kienu devoti lejn il-Madonna. Dan mhux biss, għaliex fil-qalba tal-parroċċa ta' dak iż-żmien, jiġifieri fin-Nadur, kien hemm ukoll devozzjoni kbira lejn il-Madonna b'dan it-titlu.

Fil-knisja kien hemm kwadru fuq wieħed mill-Artali fejn il-festa kienet issir b'ċerta sollennità. Il-Kappillan Sapiano flimkien mal-Kleru ma xtaqux li jtellfu mill-importanza tal-festa tal-Immakulata li kienet issir fil-Qala. Għalhekk huma talbu lill-Isqof Labini nhar il-11 ta' Mejju, 1783 biex ikunu jistgħu jiċċelebraw din il-festa f'data differenti. L-Isqof ta l-kunsens tiegħu u l-festa bdiet tiġi ċċelebrata f'Ħadd li jiġi fl-Ottava tal-Festa.

Dan il-fatt jikkonferma kemm kienet importanti minn dejjem din il-Festa tal-Immakulata għall-Poplu tal-Qala.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.■






